European Asylum Support Office

# Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-UE fl-2017

## Sommarju Eżekuttiv



SUPPORT IS OUR MISSION

# Sommarju Eżekuttiv

Ir-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-2017 fl-Unjoni Ewropea jipprovdi dehra ġenerali komprensiva ta' żviluppi fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali tas-sistemi tal-asil. Ibbażat fuq firxa wiesgħa ta' sorsi, ir-Rapport jagħti ħarsa lejn tendenzi statistiċi ewlenin u janalizza bidliet fil-pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, il-politiki, il-prattiki tagħhom kif ukoll il-ġurisprudenza nazzjonali. Filwaqt li r-rapport jiffoka fuq oqsma ewlenin tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, spiss jagħmel referenzi meħtieġa għall-kuntest usa' tal-migrazzjoni u d-drittijiet fundamentali.

## *Żviluppi fil-livell tal-Unjoni Ewropea*

Ġew irrappurtati żviluppi sinifikanti fl-2017 fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li t-traspożizzjoni tal-pakkett dwar l-acquis tal-asil riformulat ġiet prattikament iffinalizzata, il-pakkett il-ġdid għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għadu qiegħed jiġi nnegozjat. Il-pakkett kien magħmul minn proposti għat-tisħiħ tal-mandat tal-EASO billi jittrasformah fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Asil; riforma tas-sistema ta' Dublin; emendi għas-sistema Eurodac; proposti għal Regolament ġdid dwar il-Proċeduri tal-Asil u Regolament dwar il-Kwalifika; u reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Fl-allinjament mar-responsabbiltà tagħha biex tiżgura l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea ħadet passi fil-qafas tal-proċeduri ta' ksur fir-rigward tal-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja, u l-Kroazja.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea** ħarġet għadd ta' sentenzi, li sebgħa minnhom kienu jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, li jindika l-impatt tal-influss bil-massa ta' dawk li fittxew asil matul l-2015 u l-2016 kif ukoll l-impatt tal-movimenti sekondarji. B'mod speċifiku, il-QtĠ analizzat kwistjonijiet relatati mal-legalità tal-qsim tal-fruntieri tal-massa; id-drittijiet ta' dawk li jfittxu asil fir-rigward tar-Regolament ta' Dublin III u l-limiti ta' żmien applikabbli; it-trasferiment awtomatiku tar-responsabbiltà, meta t-trasferiment ma jkunx sar; it-trasferiment ta' dawk li jfittxu l-asil li huma serjament morda; detenzjoni fil-kuntest tar-Regolament ta' Dublin III; u l-applikabilità ta' Dublin III għal persuni mogħtija protezzjoni sussidjarja fl-ewwel Stat Membru li jkunu daħlu fih. Kwistjonijiet oħra kkunsidrati mill-Qorti kienu jinkludu r-rekwiżit li tinżamm seduta fil-proċeduri tal-appell; id-dritt li l-applikant jinstema'; esklużjoni mill-istatus ta' refuġjat; u l-użu ta' testijiet ta' omosesswalità fil-proċeduri tal-asil. Fil-qasam tal-akkoljenza, il-Qorti kkonfermat ir-raġunijiet

għad-detenzjoni ta’ applikanti għall-asil. Il-Qorti ċaħdet ukoll ir-rikorsi mressqa mis-Slovakkja u l-Ungerija kontra l-mekkaniżmu ta’ rilokazzjoni.

**L-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni** kompliet fl-2017, kif miġbura fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Twassil tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni f'Settembru 2017. Saret referenza għall-approċċ hotspot, li ġie definit bħala l-pedament tar-reazzjoni għall-isfidi tal-migrazzjoni fil-Mediterran, b'appoġġ ipprovdut fil-qafas tal-approċċ mill-EASO għall-Italja u l-Greċja.

Fl-Italja, l-EASO ħaddmet esperti nazzjonali, li kellhom l-appoġġ ta’ persunal interim u ta’ persuni li jipprovdu medjazzjoni kulturali, li jipprovdu informazzjoni lill-immigranti mal-wasla tagħhom, li jgħinu biex iħaffu r-reġistrazzjoni formali ta’ talbiet għal protezzjoni internazzjonali madwar il-pajjiż, li jappoġġaw lill-Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Asil u l-Kummissjonijiet Territorjali fl-attivitajiet tagħhom, kif ukoll għajnuna biex tkun implimentata l-leġiżlazzjoni riċenti dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tat-tfal migranti. Fil-Greċja, l-approċċ hotspot huwa marbut mal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, li permezz tagħha l-Kapijiet ta’ Stat jew Gvern tal-UE u t-Turkija qablu li jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari wara l-influss massiv ta’ migranti fl-UE. L-impenn tal-Istati Membri tal-UE lejn id-Dikjarazzjoni UE-Turkija ġie mtenni fid-Dikjarazzjoni ta’ Malta dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni, li kienet adottata mill-membri tal-Kunsill Ewropew.

Mekkaniżmu ta’ emerġenza ewlieni mniedi taħt l-Aġenda kien jikkonċerna attivitajiet ta’ rilokazzjoni, maħsub biex jipprovdi tweġiba għall-volumi kbar ta’ wasliet ta’ immigranti lejn l-UE, li poġġew pressjoni b’mod partikolari fuq l-Istati Membri li huma l-iktar esposti.

Ir-rilokazzjoni ġiet stabbilita bħala mekkaniżmu temporanju u eċċezzjonali li jikkonsisti fit-trasferiment ta’ mhux aktar minn 160 000 applikant b’obbligu ċar ta' protezzjoni internazzjonali mill-Greċja u l-Italja fuq perjodu ta’ sentejn sa Settembru 2017. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni skadew fis-26 ta’ Settembru 2017. Mill-Greċja, l-applikanti eliġibbli kollha li kien għad fadal, ġew rilokati sa Marzu 2018, filwaqt li 35 biss kienu baqgħu x’jiġu rilokati mill-Italja sat-22 ta' Mejju 2018. Sal-aħħar tal-2017, ġew rilokati 33 151 persuna, 11 445 mill-Italja u 21 706 mill-Greċja. Sal-aħħar ta’ Marzu, in-numru totali ta’ persuni rilokati kien ta’ 34 558 (12 559 mill-Italja u 21 999 mill-Greċja). Mit-tnedija tal-proċess ta’ rilokazzjoni, l-EASO pprovda appoġġ operattiv wiesa’ waqt il-proċess ta’ rilokazzjoni fil-Greċja u l-Italja, u l-attivitajiet EASO espandew b’mod sinifikanti matul il-
perjodu ta’ Implimentazzjoni.
Matul l-2017, l-Unjoni Ewropea kompliet il-kooperazzjoni tagħha ma’ sħab esterni. Il-Qafas ta’ Sħubija dwar il-Migrazzjoni, li ġie introdott f’Ġunju 2016,

inkluda inizjattivi mwettqa f'pajjiżi prijoritarji ta' oriġini u ta' tranżitu, inkluż il-Mali, in-Niġerja, in-Niġer, is-Senegal u l-Etjopja, kif ukoll b'kooperazzjoni magħhom. Attivitajiet immirati lejn it-titjib tad-djalogu politiku; il-ġlieda kontra t-traffikar u l-kuntrabandu; it-tisħiħ tal-protezzjoni u l-iżvilupp ta' skema ġdida ta' rilokazzjoni għar-refuġjati mit-Turkija, il-Lvant Nofsani u l-Afrika sal-aħħar tal-2019; titjib fil-ġestjoni tar-redditu; u t-tnedija ta' programmi tax-xogħol taħt il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika u l-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew (EIP). Dawn il-programmi jappoġġjaw investimenti fil-pajjiżi sħab fl-Afrika u l-Viċinat Ewropew.

## *Protezzjoni Internazzjonali fl-UE+*

**F'termini ta' xejriet ta' statistika, fl-2017, kien hemm 728 470 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 44% meta mqabbla mal-2016, iżda baqgħu f'livell ogħla minn qabel il-kriżi tar-refuġjati, li bdiet fl-2015. Il-pressjoni migratorja fil-fruntieri esterni tal-UE baqgħet għolja, iżda naqset għat-tieni sena konsekuttiva, l-aktar fir-rotot tal-Lvant u taċ-ċentru tal-Mediterran, filwaqt li kien hemm żieda qawwija bla preċedent fuq ir-rotta tal-Mediterran tal-Punent.**

**Is-Sirja (mill-2013), l-Iraq u l-Afganistan kienu t-tliet pajjiżi prinċipali tal-oriġini tal-applikanti fl-UE+.** Madwar 15% tal-applikanti kollha oriġinaw mis-Sirja, bl-Iraq fit-tieni post u fit-tielet post l-Afganistan, u kull wieħed irrappreżenta 7% tal-applikazzjonijiet kollha fl-UE+. Dawn it-tliet pajjiżi kienu segwiti min-Niġerja, il-Pakistan, l-Eritrea, l-Albanija, il-Bangladesh, il-Guinea u l-Iran.

Fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja, l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu, it-Turkija, l-Eġittu u pajjiżi oħrajn tat-tramuntana tal-Afrika, l-UNHCR indika li n-numru ta' refuġjati Sirjani rreġistrati sal-aħħar tal-2017 ammonta għal madwar 5.5 miljun.
Fl-2017, simili għas-sena 2016, ftit iktar minn żewġ terzi tal-applikanti kollha kienu rġiel u terz kienu nisa. Nofs l-applikanti kienu fil-kategorija tal-età ta' bejn it-18 u l-35 sena, u kważi terz kienu minorenni.

B'mod ġenerali fl-2017, madwar 99 205 applikazzjoni ġew irtirati madwar il-pajjiżi tal-UE +, tnaqqis konsiderevoli ta' 41% meta mqabbel mal-2016, meta kienu ġew irtirati 168 195 applikazzjoni. Il-proporzjon ta' applikazzjonijiet irtirati meta mqabbel man-numru totali ta' applikazzjonijiet iddepożitati fl-UE+ kien ta' 14%, proporzjon simili għas-snin preċedenti. Skont id-data tal-EASO, b'mod simili għal darb'oħra għas-snin preċedenti, ħafna mill-applikazzjonijiet irtirati kienu impliċiti, li jfisser li l-applikanti abbandunaw il-proċedura tal-asil mingħajr ma nfurmaw espliċitament lill-awtoritajiet.

**F'termini ta' każijiet pendenti, għall-ewwel darba f'diversi snin, fl-aħħar tal-2017, in-numru tal-każijiet pendenti kien wieħed imnaqqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel, filwaqt li madwar 954 100 applikazzjoni kienu qed jistennew deċiżjoni finali fl-UE+, 16% inqas milli fl-istess perjodu fl-2016. Fl-aħħar tal-2017, kważi nofs il-każijiet pendenti kienu qed jistennew deċiżjoni fl-ewwel istanza, filwaqt li proporzjon dejjem jiżdied kien pendenti fit-tieni istanza jew fl-ogħla istanza, li huwa fenomenu ġdid. In-numru ta' każijiet li qed jistennew id-deċiżjoni fit-tieni istanza u fl-ogħla istanza kważi rdoppja mill-aħħar tal-2016, li jindika t-trasferiment tax-xogħol fis-sistemi nazzjonali mill-prim istanza għall-appell u l-istadju ta' reviżjoni.**

L-akbar numru ta' applikazzjonijiet li qed jistennew deċiżjoni huma ta' Afgani, Sirjani u Iraqini. Fl-aħħar tal-2017, il-biċċa l-kbira tal-każijiet pendenti (443 640) kienu rrappurtati fil-Ġermanja. Madankollu, in-numru naqas b'aktar minn kwart meta mqabbel mal-2016. L-Italja kompliet tkun it-tieni pajjiż tal-UE+ f'termini ta' każijiet pendenti, filwaqt li żdiedu konsiderevolment dawk fi Spanja u l-Greċja.
It-tnaqqis fix-xogħol b'lura fil-maġġoranza tal-istati tal-UE+ kien dovut għal taħlita ta' fatturi, inklużi inqas applikazzjonijiet ġodda, flimkien mal-fatt li ngħataw aktar deċiżjonijiet. Il-miżuri organizzattivi u politiċi speċifiċi implimentati fl-istati tal-UE+ biex jindirizzaw il-problema ta' ħafna xogħol b'lura ukoll kellhom impatt.

F'termini ta' deċiżjonijiet maħruġa, fl-2017, il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu **996 685 deċiżjoni fi prim istanza**, tnaqqis ta' 13% meta mqabbel mal-2016. It-tnaqqis sena wara sena jirrifletti b'mod ċar in-numru iżgħar ta' applikazzjonijiet ippreżentati: Is-sena 2016 kienet sena rekord f'termini ta' volum ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, b'pajjiżi tal-UE+ jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-volum ta' xogħol b'lura li dejjem jikber.

**Mid-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-prim'istanza fl-2017, kważi nofs (462 355) kienu pożittivi, iżda b'mod ġenerali din ir-rata ta' rikonoxximent tal-UE+ kienet 14-il punt perċentwali inqas milli fl-2016. Minkejja inqas deċiżjonijiet maħruġa b'mod ġenerali, in-numru ta' deċiżjonijiet negattivi fil-fatt żdiedu: minn 449 910 fl-2016 għal 534 330 fl-2017. Rigward deċiżjonijiet pożittivi, fl-2017 kien hemm tnaqqis ċar fin-numru ta' deċiżjonijiet li jagħtu status ta' refuġjat (50%, li huwa inqas minn 55% fl-2016) jew ta' protezzjoni sussidjarja (34%, minn 37%) b'żieda parallela fil-proporzjon ta' dawk li jagħtu protezzjoni umanitarja (15%, minn 8%).**

**Dan it-tnaqqis tar-rata ta' rikonoxximent tal-UE+ għal 46 %** (tnaqqis ta' 14-il punt perċentwali meta mqabbel mal-2016) huwa parzjalment dovut għal inqas deċiżjonijiet li jinħarġu lil applikanti b'rati ta' rikonoxximent pjuttost għoljin, flimkien ma' aktar deċiżjonijiet li jinħarġu lil applikanti b'rati ta' rikonoxximent pjuttost baxxi. Filwaqt li kien hemm inqas deċiżjonijiet maħruġa lill-applikanti mis-Sirja u l-Eritrea, id-deċiżjonijiet maħruġa lill-applikanti Afgani, Iranjani u Niġerjani kienu konsiderevolment aktar milli fl-2016.

B'mod importanti, ir-rati ta' rikonoxximent għandhom tendenza li jvarjaw madwar il-pajjiżi tal-UE+, kemm f'valuri relattivament baxxi kif ukoll għoljin tar-rati ta' rikonoxximent, b'mod partikolari għal applikanti mill-Afganistan, l-Iran u l-Iraq fejn ir-rata ta' rikonoxximent kienet bejn 0 u 100%. Għal oħrajn, kien hemm relattivament aktar konverġenza f'rati ogħla ta' rikonoxximent (eż. l-Eritrea u s-Sirja) u f'rata anqas (eż. l-Albanija u n-Niġerja).

Għal ċittadinanzi individwali, varjazzjoni fir-rati ta' rikonoxximent fost il-pajjiżi tal-UE+ tista' tissuġġerixxi, sa ċertu punt, nuqqas ta' armonizzazzjoni f'termini ta' prattiki ta'teħid ta' deċiżjonijiet (minħabba valutazzjoni differenti tas-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini, interpretazzjoni differenti tal-kunċetti legali, jew minħabba l-ġurisprudenza nazzjonali). Madankollu, jista' jindika wkoll li anke fost applikanti mill-istess pajjiż ta' oriġini, xi pajjiżi tal-UE+ jistgħu jilqgħu individwi b'raġunijiet ta' protezzjoni differenti ħafna, bħal pereżempju, minoranzi etniċi speċifiċi, nies minn ċertu reġjuni fl-istess pajjiż, jew applikanti li huma tfal mhux akkumpanjati.

Fir-rigward ta' deċiżjonijiet maħruġa f'appell jew reviżjoni, fl-2017, il-pajjiżi tal-UE+ ħadu **273 960 deċiżjoni fit-tieni istanza jew ogħla**, żieda ta' 20% meta mqabbla mal-2016, li ssaħħaħ it-tendenza li jkun hemm żieda fin-numru tad-deċiżjonijiet, xi ħaġa li ilha li kienet innutata sa mill-2015. Tliet kwarti tad-deċiżjonijiet kollha fit-tieni istanza jew ogħla ttieħdu fil-Ġermanja (58% tat-total tal-UE+), fi Franza (12%), u fl-Iżvezja (7%). B'mod aktar speċifiku, is-Sirjani rċevew erba' darbiet aktar deċiżjonijiet (38,675), l-Afgani tliet darbiet aktar (34,505) u l-Iraqini kważi tliet darbiet aktar (19,935). Min-naħa l-oħra, fl-2016 terz tad-deċiżjonijiet kollha meħuda fl-appell kienu riċevuti minn applikanti ta' tliet pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Kosovo u s-Serbja), b'rati ħafna inqas ta' rikonoxximent.

Għat-tħaddim tas-sistema ta' Dublin fl-2017, għadd ta' żviluppi jistgħu jiġu rrappurtati fuq il-bażi tad-data tal-EASO, li tindika żieda fid-deċiżjonijiet għal talbiet fuq il-bażi ta' Dublin. Għal kull deċiżjoni riċevuta dwar talba fuq il-bażi ta' Dublin fl-2017 kien hemm qrib ħames applikazzjonijiet imressqa fil-grupp ta' pajjiżi li rrappurtaw dwar dan l-indikatur ta' Dublin, li jista' jimplika li għadd konsiderevoli ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jsegwu movimenti sekondarji fil-pajjiżi tal-UE+. Fl-2017, ħafna deċiżjonijiet ittieħdu fi grupp żgħir

ta' pajjiżi. L-Italja u l-Ġermanja kienu l-pajjiżi sħab għal kważi nofs it-tweġibiet kollha, warajhom fil-bogħod, il-Bulgarija, l-Iżvezja, Franza u l-Ungerija. Ir-rata ta' aċċettazzjoni ġenerali għad-deċiżjonijiet dwar it-talbiet fuq il-bażi ta' Dublin fl-2017 kienet ta' 75%; madankollu, ir-rata ta' aċċettazzjoni varjat konsiderevolment bejn il-pajjiżi li wieġbu.

Id-deċiżjonijiet l-aktar komuni li ntlaħqu għal talbiet fuq bażi ta' Dublin kienu għal ċittadini tal-Afganistan (11% tat-total), is-Sirja (8%), l-Iraq (8%), u n-Niġerja (6%). Id-data tal-EASO indikat ukoll li madwar żewġ terzi ta' dawn id-deċiżjonijiet kienu bi tweġiba għal talbiet ta' "teħid lura", li jfisser li l-maġġoranza tad-deċiżjonijiet jirrelataw ma' każijiet li fihom persuna tippreżenta applikazzjoni f'pajjiż speċifiku tal-UE+ u wara timxi għal pajjiż ieħor. Fl-2017, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin, magħruf bħala wieħed mill-klawżoli diskrezzjonarji tar-Regolament ta' Dublin , ġie evokat kważi 12,000 darba (aktar minn nofs dawn il-każijiet kienu applikati mill-Ġermanja jew l-Italja). Fl-2017, is-26 pajjiż li rrappurtaw, implimentaw ftit iktar minn 25 000 trasferiment, żieda ta' terz meta mqabbla mal-2016. Tliet kwarti tat-trasferimenti kollha fl-2017 oriġinaw minn ħames pajjiżi tal-UE+: Il-Ġermanja, il-Greċja, l-Awstrija, Franza u n-Netherlands. Aktar minn nofs il-persuni trasferiti ntlaqgħu mill-Ġermanja u mill-Italja.

B'mod ġenerali, l-iżviluppi ewlenin fil-pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-proċedura ta' Dublin, irriflettew il-volum ta' każijiet li kellhom jiġu pproċessati. Simili għall-2016, fl-2017, ġiet innotata wkoll is-sospensjoni (sħiħa jew parzjali) ta' trasferimenti fuq il-bażi ta' Dublin għall-Ungerija u l-Bulgarija. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea rrakkomandat miżuri għat-tisħiħ tas-sistema tal-asil Griega kif ukoll it-tkomplija gradwali tat-trasferimenti lejn il-Greċja għal ċerti kategoriji ta' applikanti għall-asil, u numru ta' Stati Membri ta' Dublin bagħtu, fl-2017, talba ta' trasferiment wara li nħarġet din ir-rakkomandazzjoni.

Numru ta' pajjiżi tal-UE+ emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-protezzjoni internazzjonali. Dawn kienu jinkludu bidliet sinifikanti fl-Awstrija, fil-Belġju, fl-Ungerija u fl-Italja, filwaqt li pajjiżi oħrajn ukoll emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom f'oqsma differenti, inklużi bidliet fil-lista nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu.

Bosta pajjiżi tal-UE+ għamlu wkoll bidliet fir-rigward tar-ristrutturar intern u t-trasferiment tal-kompetenzi fost entitajiet varji fl-amministrazzjoni nazzjonali tal-asil, inkluż il-ħolqien ta' task forces speċjalizzati biex jindirizzaw kwistjonijiet tematiċi.
Sforzi ta' natura sinifikanti tal-pajjiżi tal-UE+ kienu wkoll immirati biex jiżguraw l-integrità tas-sistemi nazzjonali tagħhom, billi jipprevjenu u jiġġieldu talbiet bla bażi għall-protezzjoni internazzjonali u r-rilevament ta' tħassib dwar is-sigurtà. Dan ġie ffaċilitat bl-implimentazzjoni ta' sistemi avvanzati ta' identifikazzjoni

u reġistrazzjoni, appoġġjati minn teknoloġija moderna, u bl-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-età, qasam li fih ġew innutati ħafna żviluppi fl-2017.

**Fl-2017, ittieħdu diversi inizjattivi mill-pajjiżi tal-UE+ biex titjieb l-effiċjenza tal-proċess tal-asil, jiġifieri li jitmexxew proċeduri għall-protezzjoni internazzjonali filwaqt li l-ħin u r-riżorsi disponibbli jintużaw bl-aħjar mod, li jitħaffef l-għoti ta' protezzjoni f'każijiet iġġustifikati u li jiġu evitati proċeduri twal għal każijiet mingħajr mertu. It-tendenzi ewlenin kienu dwar id-diġitalizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda (sistema ta' informazzjoni, databases, videoconferencing għal intervisti u interpretazzjoni), li għenu wkoll fl-iskambju ta' informazzjoni fost id-diversi partijiet interessati. Għanijiet simili ġew segwiti b'miżuri biex sistemi ta' asil jiġu organizzati aħjar billi jiġu stabbiliti ċentri speċjalizzati tal-ipproċessar, bħal fil-Ġermanja, u billi jintużaw miżuri għad-distribuzzjoni ta' każijiet, li jiddereiġu ċerti kategoriji permezz ta' kanali speċifikament dedikati. Il-miżuri inkludew ukoll prijoritizzazzjoni u proċeduri rapidi.**

Barra minn hekk, biex iżommu u jtejbu l-kwalità, il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, żviluppaw materjali ta' gwida u offrew attivitajiet ta' bini ta' kapaċità lill-membri tal-persunal, b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma kumplessi ta' asil, bħal pereżempju kwistjonijiet relatati mal-vulnerabbiltà. Dawn il-miżuri ġew issupplimentati b'taħriġ rikk u komprensiv offrut mill-EASO. Minkejja dawn l-isforzi, is-soċjetà ċivili u l-UNHCR enfasizzaw il-ħtieġa li jitkompla b'mod sistematiku u konsistenti t-titjib tal-kwalità fil-prattika ta' kuljum.

L-Iskema Ewropea ta' Risistemazzjoni, imnedija fil-Kunsill tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni fl-20 ta' Lulju 2015, ġiet fi tmiemha fit-8 ta' Diċembru 2017. Minn dakinhar, 19 432 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali kienu ġew risistemati taħt l-iskema għal 25 Stat Membru u Stati Assoċjati, li jammontaw għal 86% tat-22,504 risistemazzjonijiet inizjalment imwiegħda u maqbula mill-partijiet.

Il-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjoni fis-27 ta' Settembru 2017 dwar it-titjib tal-mogħdijiet legali għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, u b'hekk introduċiet skema ġdida li għandha l-għan li toffri risistemazzjoni lil tal-inqas 50 000 persuna sal-31 ta' Ottubru 2019. Sas-26 ta' Mejju 2018, kienu diġà saru iktar minn 50 000 wegħda minn 19-il Stat Membru, u b'hekk dan sar l-akbar impenn kollettiv tal-UE dwar ir-risistemazzjoni sal-lum. S'issa, kważi 2 000 persuna diġà ġew risistemati taħt din l-iskema l-ġdida.
Sadanittant, l-iskema ta' risistemazzjoni taħt il-mekkaniżmu 1:1 tad-

Dikjarazzjoni UE-Turkija kompliet ukoll tiġi implimentata, bi 12,476 persuna risistemati f'16-il Stat Membru minn meta daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 2016. Taħt dawn l-iskemi konġunti ta' risistemazzjoni tal-UE, in-nies li kienu u li se jiġu risistemati huma prinċipalment mit-Turkija, il-Ġordan u l-Libanu. L-iskema l-ġdida tas-27 ta' Settembru 2017 se tiffoka b'mod partikolari fuq ir-risistemazzjoni mill-pajjiżi Afrikani tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali.

Matul l-2017, il-pajjiżi tal-UE+ innutaw ukoll ħafna żviluppi **fil-programmi nazzjonali ta' risistemazzjoni**, li għenu biex jibnu l-esperjenza u l-kapaċità tagħhom.

Fl-istess ħin, l-EASO kompla bit-twettiq tal-mandat tiegħu billi jiffaċilita l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri u jipprovdi appoġġ lil pajjiżi li l-asil u s-sistemi ta' akkoljenza tagħhom kienu taħt pressjoni, jiġifieri l-Bulgarija, Ċipru, l-Italja u l-Greċja. L-EASO saħħaħ ukoll id-djalogu tiegħu mas-soċjetà ċivili, billi organizza laqgħat tematiċi dwar oqsma ewlenin ta' interess (appoġġ operattiv għal żoni ta' hotspots u rilokazzjoni, għoti ta' informazzjoni). Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Preparazzjoni tal-EASO espandiet, u pprovdiet portafoll analitiku bbażat fuq data standardizzata dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE+ li l-komunità tal-EPS tal-Istati Membri qasmet mal-EASO fuq bażi ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar.

## *Il-Funzjonament tas-SEKA*

Ġew innutati żviluppi importanti fl-oqsma tematiċi ewlenin tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil:

Fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura, fl-2017, **il-pajjiżi riċevituri ewlenin ta' applikanti għall-asil kienu l-Ġermanja, l-Italja, Franza, il-Greċja u r-Renju Unit**. Bl-iktar 4 jibqgħu l-istess bħal fl-2016, filwaqt li r-Renju Unit ħa post l-Awstrija bħala l-ħames l-iktar pajjiż riċevitur. Dawn il-ħames pajjiżi flimkien ammontaw għal tliet kwarti tal-applikazzjonijiet kollha mressqa fl-UE+.

Għas-sitt sena konsekuttiva, il-Ġermanja kien il-pajjiż li l-iktar li rċieva applikazzjonijiet. Minkejja tnaqqis ta' 70% fl-applikazzjonijiet ippreżentati fl-2017 meta mqabbel mal-2016, it-total ta' applikazzjonijiet tiegħu ta' 222 560 kien kważi d-doppju ta' kwalunkwe pajjiż riċevitur ieħor. L-Italja kien it-tieni l-iktar pajjiż li rċieva nies, b'128 850 applikazzjoni.  Franza segwiet b'total ta' aktar minn 100 000 applikazzjoni. F'termini tal-ammont ta' applikazzjonijiet għal kull pajjiż, is-sehem tal-Ġermanja waħdu kien jammonta għal 31% tal-applikazzjonijiet kollha mressqa fl-UE+ fl-2017. Madanakollu, fl-2016, is-sehem tal-Ġermanja fit-total tiegħu kien ta' 58%, kważi d-doppju. Fl-istess ħin, il-proporzjon ta' applikanti fil-pajjiżi prinċipali riċevituri l-oħrajn, b'mod partikolari l-Italja, Franza, il-Greċja, ir-Renju Unit u l-Iżvezja kważi rdoppja bejn l-2016 u l-2017. Il-Greċja kienet il-pajjiż bl-ogħla proporzjon ta' applikanti meta

mqabbel man-numru ta' abitanti.

Filwaqt li bosta pajjiżi tal-UE+ komplew fl-2017 japplikaw ir-rintroduzzjoni temporanja tal-kontroll tal-fruntieri (fejn meħtieġ) fil-fruntieri interni ta' Schengen, is-soċjetà ċivili rrappurtat aċċess limitat għat-territorju inkluż każijiet ta' pushbacks f'diversi Stati Membri li jkomplu jsaħħu l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess effettiv għall-protezzjoni għal dawk fil-bżonn. Żviluppi importanti kienu relatati ma' proċess ta' reġistrazzjoni mgħaġġel u effiċjenti, li għen biex tiżdied l-effiċjenza għall-istadji tal-proċedura li jiġu aktar tard. Eżempju ta' dan kien ir-reġistrazzjoni fil-Greċja ta' applikanti li kienu diġà reġistrati qabel fis-sajf tal-2016 fil-perjodu tal-influss tal-massa.

**L-aċċess għall-proċedura** ngħata wkoll permezz ta' kanali apposta, fejn persuni li jissodisfaw ċerti kriterji tressqu fit-territorju tal-pajjiżi tal-UE+ b'mod organizzat, bħal pereżempju mekkaniżmi ta' ammissjoni umanitarja implimentati minn diversi pajjiżi. Dawn inkludew kurituri umanitarji, kif ukoll programmi ta' viża umanitarja u ta' riunifikazzjoni tal-familji, li jikkostitwixxu passaġġ legali għall-Ewropa għall-immigranti.

Sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom, u biex dawn jiġu valutati b'mod komprensiv u ġust, persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali jeħtieġu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tagħhom. Kemm l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-pajjiżi tal-UE+, kif ukoll is-soċjetà ċivili, implimentaw firxa wiesgħa ta' inizjattivi ta' informazzjoni fl-istadji kollha tal-proċess tal-asil, billi użaw varjetà wiesgħa ta' mezzi ta' komunikazzjoni, permezz tal-użu tal-applikazzjonijiet tal-mezzi tax-xandir soċjali u tal-ismartphones.

Is-soċjetà ċivili enfasizzat il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun disponibbli u tkun adattata għall-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira tagħha, speċjalment fir-rigward ta' individwi vulnerabbli. Dwar kwistjoni relatata, f'termini ta' assistenza u rappreżentanza legali, l-iżviluppi fil-pajjiżi tal-UE+ matul l-2017 kienu varjati, b'xi pajjiżi jwessgħu l-ambitu jew jieħdu passi biex itejbu l-effikaċja tal-assistenza legali, u oħrajn inaqqsu d-disponibbiltà tal-għajnuna. Barra minn hekk, ġew identifikati numru ta' sfidi fil-qasam tal-assistenza u r-rappreżentanza legali minn atturi tas-soċjetà ċivili li joperaw f'dan il-qasam.

Kemm l-għoti ta' informazzjoni kif ukoll l-assistenza legali huma xprunati permezz ta' interpretazzjoni effettiva, li hija fattur ugwalment importanti fil-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali. Interpretazzjoni effettiva tiżgura komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-awtoritajiet f'kull pass tal-proċess, inkluż l-aċċess għall-proċedura tal-asil, l-applikazzjoni, l-eżami u l-istadju tal-appell. B'mod ġenerali, fl-2017, il-pajjiżi tal-UE+ rċevew applikazzjonijiet minn ċittadini ta' 54 pajjiż differenti ta' oriġini, meta mqabbla ma' 35 fl-2016, li

jindika l-isfidi dejjem jiżdiedu li jiltaqgħu magħhom biex jiġu żgurati servizzi ta’ interpretazzjoni għal aktar u aktar lingwi differenti. Dan wassal għal użu usa’ ta’ miżuri tekniċi biex jiffaċilita l-interpretazzjoni fil-proċess tal-asil.

Rigward **l-eżaminazzjoni ta’ applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim istanza**, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri speċjali, bħal żoni tal-fruntiera aċċellerati jew proċedura prijoritarja, filwaqt li jibqgħu jimxu mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-asil. Id-data tal-EASO tindika li dawn il-proċeduri jintużaw b’mod immirat u bħala eċċezzjoni aktar milli bħala regola. Iktar importanti, bosta deċiżjonijiet maħruġa fl-UE+ permezz ta’ proċeduri mgħaġġla jew tal-fruntiera jwasslu għal rifjut tal-applikazzjoni b’rata li hija konsiderevolment ogħla milli meta d-deċiżjonijiet ikunu meħuda permezz ta' proċeduri normali. Ir-rata ta’ rikonoxximent għal deċiżjonijiet maħruġa bl-użu ta’ proċeduri mgħaġġla kienet ta’ 11%, filwaqt li għal dawk li jużaw il-proċedura tal-fruntiera kienet ta’ 8%. F’termini ta’ organizzazzjoni tal-proċeduri tagħhom, il-pajjiżi tal-UE+ spiss irrikorrew għal proċedura rapida u pprijoratizzaw il-proċeduri għal kategoriji speċifiċi ta’ każijiet, allineati mal-ammont ta’ xogħol li jkun qed jiffaċċja il-pajjiż speċifiku. Kien hemm ukoll żviluppi fi proċeduri mwettqa fuq il-fruntiera u fiż-żoni ta’ transitu, filwaqt li ħafna pajjiżi tal-UE+ rrikorrew għall-użu ta’ kunċetti ta’ pajjiż bla periklu, primarjament pajjiż ta’ oriġini bla periklu, fejn bosta pajjiżi emendaw il-listi nazzjonali tagħhom ta’ pajjiżi ta’ oriġini bla periklu.

F’termini ta’ akkoljenza, b’mod ġenerali, fl-2017 ġiet innotata inqas pressjoni fuq **is-sistemi ta’ akkoljenza** tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE+. Konsegwentement, bosta amministrazzjonijiet naqqsu l-kapaċità ta’ akkoljenza tagħhom billi għalqu diversi tipi ta’ faċilitajiet ta’akkoljenza, filwaqt li ssostitwew b’mod progressiv iċ-ċentri ta’ akkoljenza ta’ emerġenza jew dawk temporanji, b’oħrajn li huma aktar permanenti, ibbażati fuq ippjanar preċedenti. F’dan l-isfond, ġew innotati eċċezzjonijiet, bħal pereżempju f’xi pajjiżi oħra l-kapaċità ta’ akkoljenza ġiet estiża bil-għan li takkomoda ż-żieda ta’ pressjoni jew domanda li kienet għad trid titqabbel. L-2017 rat l-adozzjoni ta’ dispożizzjonijiet ġodda tal-liġi f’numru ta’ Stati Membri li jirregolaw l-imġiba, id-drittijiet u d-dmirijiet ta’ dawk li jfittxu l-asil waqt li jkunu fiċ-ċentri ta’ akkoljenza, kif ukoll fil-perjodu ta’ stennija sakemm jitneħħew. B’mod parallel, ġew żviluppati standards ta’ monitoraġġ u programmi relatati implimentati biex jiżguraw kundizzjonijiet ta’ akkoljenza xierqa. F’termini ta’ kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza (ikel, ħwejjeġ, akkomodazzjoni u konċessjoni finanzjarja), kif ukoll kura tas-saħħa, aċċess għal edukazzjoni u aċċess għas-suq tax-xogħol, l-iżviluppi f’pajjiżi speċifiċi varjaw b’mod sinifikanti, u wasslu għal tnaqqis jew estensjoni tal-offerta. Fost it-tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-aktar frekwenti rrefera għan-nuqqas ta’ kapaċità ta’ akkoljenza, kundizzjonijiet dgħajfin ta’ akkoljenza u/jew kwistjonijiet relatati mal-akkoljenza ta’ minorenni mhux akkumpanjati.

Simili għal akkoljenza, fil-qasam tad-detenzjoni ġew innutati diversi żviluppi f'pajjiżi individwali. B'mod ġenerali, numru ta' pajjiżi tal-UE+ rrivedew il-qafas legali tagħhom fir-rigward tar-raġunijiet għad-detenzjoni u l-implimentazzjoni tagħha fil-prattika. Ħafna pajjiżi introduċew jew ippjanaw li jintroduċu forom ġodda ta' alternattivi għad-detenzjoni, fil-kuntest kemm tal-proċeduri tal-asil kif ukoll tar-ritorn. It-tħassib dwar id-dewmien u l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, u d-detenzjoni ta' gruppi vulnerabbli, ġew espressi mill-UNHCR u s-soċjetà ċivili f'numru ta' pajjiżi tal-UE+. Fuq nota simili, f'diversi pajjiżi tal-UE+, daħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet legali ġodda matul l-2017 li jillimitaw il-libertà tal-moviment jew jirrestrinġu r-residenza ta' persuni li jkunu qegħdin joqogħdu fiċ-ċentri ta' akkoljenza. B'mod ġenerali, dawk l-iżviluppi wasslu għal volum sinifikanti ta' ġurisprudenza nazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-libertà tal-moviment u l-applikazzjoni tad-detenzjoni f'diversi stadji tal-proċess tal-asil.

Fl-2017, kien hemm 996 685 deċiżjoni maħruġa fl-ewwel istanza fil-pajjiżi tal-UE+. Simili għall-2016, fuq livell nazzjonali, il-Ġermanja kienet il-pajjiż li ħareġ l-iktar deċiżjonijiet (524 185), li jirrappreżentaw 53% tad-deċiżjonijiet kollha fl-UE+. Pajjiżi oħra li ħarġu numri kbir ta' deċiżjonijiet kienu jinkludu Franza (11% tat-total tal-UE+), l-Italja (8%), l-Iżvezja u l-Awstrija (6% kull wieħed).

Meta mqabbel mal-2016, inħarġu inqas deċiżjonijiet fl-ewwel istanza fil-maġġoranza tal-istati tal-UE+. It-tnaqqis l-iktar sostanzjali seħħ fil-Ġermanja (tnaqqis ta' 106 900) u l-Iżvezja (tnaqqis ta' 34 705). F'termini relattivi, fost il-pajjiżi b'aktar minn 1 000 deċiżjoni f'prim istanza fl-2017, l-iktar tnaqqis sostanzjali fid-deċiżjonijiet kien jikkonċerna l-Finlandja u n-Norveġja (b'65% kull wieħed). B'kuntrast, ħafna aktar deċiżjonijiet inħarġu fi Franza meta mqabbel mal-2016 (żieda ta' madwar 24 000), l-Awstrija (13 870 aktar) u fil-Greċja, fejn in-numru ta' deċiżjonijiet żdied bi 13 055. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet maħruġa f'prim istanza, għal pajjiżi li ħarġu mill-inqas 1 000 deċiżjoni fl-2017, l-Iżvizzera kellha l-ogħla rata globali ta' rikonoxximent; 90% tad-deċiżjonijiet kienu pożittivi. Rati ta' rikonoxximent relattivament għoljin kienu wkoll evidenti fin-Norveġja (71%), Malta (68%) u l-Lussemburgu (66%). Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Ċeka kellha l-inqas rata ta' rikonoxximent ta' 12%, segwita mill-Polonja (25%), Franza (29%), l-Ungerija u r-Renju Unit (31% kull wieħed).

Id-differenzi fir-rati ta' rikonoxximent bejn il-pajjiżi huma r-riżultat taċ-ċittadinanza tal-applikanti li lilhom jinħarġu d-deċiżjonijiet. Pereżempju, fl-2017 Franza kellha rata ta' rikonoxximent ta' 29% u ħarġet ħafna deċiżjonijiet liċ-ċittadini Albaniżi, li hija nazzjonalità b'rata ta' rikonoxximent ġeneralment baxxa ħafna. B'kuntrast, l-Iżvizzera, b'rata ta' rikonoxximent globali ta' 90%, ħarġet iktar minn terz tad-deċiżjonijiet tagħha lill-Eritrej, li hija ċittadinanza b'livell konsiderevolment għoli ta' deċiżjonijiet pożittivi fl-UE+.

**Żviluppi ewlenin fil-pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-proċeduri fil-prim istanza kienu jikkonċernaw l-aktar miżuri meħuda favur l-ottimizzazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll it-tnaqqis tal-ħinijiet tal-ipproċessar.**

Fl-2017, ir-rata ta' rikonoxximent tal-UE ta' każijiet deċiżi fit-tieni istanza, jew ogħla, kienet ta' 35%, li hija konsiderevolment ogħla minn dik fl-2016 (17%). Meta mqabbel mal-prim istanza, ir-rata ta' rikonoxximent hija mistennija li tkun inqas fl-appell jew fir-reviżjoni minħabba li dawn il-każijiet jiġu eżaminati wara deċiżjoni negattiva li tkun ittieħdet fl-ewwel istanza. Fil-fatt, ir-rata ta' rikonoxximent fl-ogħla istanza kienet ta' 11-il punt perċentwali inqas minn dik tad-deċiżjonijiet maħruġa fl-ewwel istanza, iżda din kienet differenza ħafna iżgħar milli fl-2016, u dan jissuġġerixxi li fl-2017 kien hemm perċentwali ogħla ta' deċiżjonijiet negattivi maħruġa fil-prim istanza li ġew mibdula fl-istadju tal-appell. Fost il-pajjiżi tal-UE+ li ħarġu mill-inqas 1 000 deċiżjoni fit-tieni istanza, aktar minn nofs id-deċiżjonijiet kollha meħuda fl-ogħla istanza kienu pożittivi fil-Finlandja (65%), fin-Netherlands (58%), fir-Renju Unit (57%) u fl-Awstrija (56%).

**Fl-2017, żviluppi fil-pajjiżi tal-UE+ kkonċentraw fuq miżuri biex itejbu l-effiċjenza istituzzjonali, iħaffu l-proċeduri fit-tieni istanza bil-għan li jindirizzaw għadd kbir ta' appelli u jirrevedu regoli proċedurali (prinċipalment f'termini ta' reviżjoni tal-limiti taż-żmien biex jitressaq appell). Bil-ħsieb li jkomplu jittejbu l-proċeduri tal-appell, il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw ukoll bidliet istituzzjonali strutturali.**

Fl-2017, ġie nnotat ukoll li l-pajjiżi tal-UE+ ddeċentralizzaw il-proċeduri tat-tieni istanza bil-għan li jkompli jitjieb l-ipproċessar tal-appelli. Simili għall-ewwel istanza, ittieħdu miżuri biex jitnaqqas l-ammont tal-każijiet pendenti minħabba volumi kbar ta' xogħol b'lura, ikunu armonizzati l-proċeduri u jsir użu mit-teknoloġija biex isostni t-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti.

L-għoti ta' informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI) fuq firxa wiesgħa ta' pajjiżi terzi u temi, għadu jkun ta' importanza għal deċiżjonijiet infurmati tajjeb, ġusti u raġjonevoli dwar l-asil, u għall-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Filwaqt li fil-livell tal-UE+, kien hemm inqas applikazzjonijiet għall-asil fl-2017 meta mqabbla mal-2016, l-applikazzjonijiet żdiedu b'mod konsiderevoli f'numru ta' pajjiżi tal-UE+, u b'mod ġenerali, l-applikazzjonijiet imressqa tqassmu fost għadd usa' ta' nazzjonalitajiet, u dan wassal għal ħtieġa kontinwa għal informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini rilevanti.

F'termini ta' produzzjoni tas-COI, flimkien ma' firxa wiesgħa ta' pubblikazzjonijiet regolari minn Unitajiet tas-COI li ilhom stabbiliti ħafna, u li ħafna minnhom huma disponibbli permezz tal-Portal EASO COI, xi pajjiżi rrappurtaw ir-riżultati ġodda tagħhom, jekk mhux ukoll għall-ewwel darba, fl-2017. B'mod ġenerali, il-pajjiżi tal-UE+ komplew itejbu l-istandards u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti tas-COI matul l-2017, filwaqt li bħala tendenza ġenerali, ħafna Unitajiet nazzjonali tas-COI ħadmu f'forma jew f'kollaborazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra, inkluż fil-qafas tan-Netwerks tas-COI tal-EASO.

L-acquis tal-UE dwar l-asil jinkludi regoli dwar l-identifikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' appoġġ lill-applikanti, li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali (b'mod partikolari bħala riżultat ta' tortura, stupru jew kwalunkwe forma oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali). Wieħed mill-gruppi ewlenin huwa dak tal-minuri mhux akkumpanjati li jfittxu protezzjoni mingħajr il-kura ta' adult responsabbli.

Fl-2017, **madwar 32,715-il minorenni mhux akkumpanjati (UAM) applikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+,** nofs in-numru tal-2016, bis-sehem relattiv ta' UAMs għall-applikanti kollha jkun ta' 4%. Aktar minn tliet kwarti tal-UAM kollha applikaw f'ħames pajjiżi tal-UE+: L-Italja, il-Ġermanja, il-Greċja, ir-Renju Unit, u l-Iżvezja.

**Il-preżenza ta 'minorenni mhux akkumpanjati kompla jsaħħaħ għadd ta' żviluppi fil-pajjiżi tal-UE+. Dawk inkludew, b'mod partikolari, l-istabbiliment u t-titjib ta' modalitajiet speċjalizzati ta' akkoljenza u kura alternattiva, ir-reviżjoni ta' regoli għall-ħatra ta' gwardjani u arranġamenti proċedurali relatati mal-valutazzjoni u l-iżgurar tal-aħjar interess tat-tfal. Bl-istess mod, faċilitajiet u servizzi ta' akkoljenza speċjalizzati kienu fil-qalba ta' żviluppi li jikkonċernaw gruppi vulnerabbli oħra b'ħafna pajjiżi joħolqu faċilitajiet speċjalizzati, kif ukoll mekkaniżmi għall-identifikazzjoni u r-riferiment. Is-soċjetà ċivili enfasizzat li għad hemm bżonn sforzi sabiex l-appoġġ ipprovdut ikun komprensiv, f'konformità ma' standards stabbiliti, u jiżgura l-identifikazzjoni bikrija ta' vulnerabbiltà fil-prattika.**

Persuni, li ngħataw forma ta' protezzjoni internazzjonali f'pajjiż tal-UE+, jistgħu jibbenefikaw minn firxa ta' drittijiet u benefiċċji marbuta ma' dan l-istatus. Drittijiet speċifiċi mogħtija lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali huma ġeneralment stabbiliti f'leġiżlazzjoni u politika nazzjonali, ħafna drabi bħala parti usa' minn pjanijiet ta' integrazzjoni li jikkonċernaw diversi kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u inkorporati f'politiki ta' migrazzjoni nazzjonali, fejn dawn jiġu definiti f'livell nazzjonali. Ħafna pajjiżi adottaw pjanijiet u strateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni fuq livell nazzjonali, filwaqt li oħrajn emendaw l-istrumenti eżistenti, u ħafna drabi introduċew korsijiet ta' integrazzjoni u

mekkaniżmi ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Dan jinkoraġġixxi l-prospetti ta' benefiċjarji ta' protezzjoni biex jiksbu l-mezzi tagħhom stess ta' appoġġ, għal meta xi drabi l-aċċess għal benefiċċji finanzjarji ġie mnaqqas.

**Il-politiki u l-miżuri tar-ritorn kisbu sinifikat kbir matul l-2017 fost il-pajjiżi tal-UE+.** Għalkemm dawk jirrelataw mal-kuntest tal-migrazzjoni ġenerali, fid-dawl ta' numru dejjem jikber ta' applikanti miċħuda u persuni li jirritornaw prospettivi, diversi pajjiżi adottaw dispożizzjonijiet legali ġodda sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri tar-ritorn. Minbarra l-appoġġ tas-soltu pprovdut fil-forma ta' Għajnuna għar-Ritorn Volontarju, li kien ukoll imsaħħaħ, miżuri adottati indirizzati, fost oħrajn, huma l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u r-regolarizzazzjoni tal-perjodu ta' qabel it-tluq.

Matul l-2017, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE+ ppromwovew inizjattivi ta' Għajnuna għar-Ritorn Volontarju, f'diversi forom: finanzjarjament, permezz ta' kampanja ta' informazzjoni, b'involviment dirett f'attivitajiet ta' ritorn u billi pprovdew appoġġ lill-partijiet kollha kkonċernati, bħall-IOM jew l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.